TRADUZZJONI

PROTOKOLL

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-modalitajiet tekniċi konformi mal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-amministrazzjoni ta' dawk il-kwoti tar-rata tariffarja li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea

TAQSIMA 1

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

1. Dan il-Protokoll huwa adottat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Partijiet") biex jimplimenta l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Federazzjoni Russa u l-Unjoni Ewropea dwar l-amministrazzjoni ta' dawk il-kwoti tar-rata tariffarja li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea ta' 16 ta' Diċembru 2011 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim").

2. Dan il-Protokoll jistipula modalitajiet tekniċi tal-amministrazzjoni tal-kwoti tar-rata tariffarja msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inklużi d-dettalji tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-UE") u l-Federazzjoni Russa (minn hawn 'il quddiem imsejħa r-"Russja"), u japplika għall-esportazzjonijiet mir-Russja lejn l-UE tal-prodotti koperti.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) it-terminu "prodotti koperti" jfisser il-prodotti speċifikati fl-Anness mal-Parti V tal-Iskeda tar-Russja tal-Konċessjonijiet u l-Impenji dwar il-Prodotti fid-WTO (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda ta' Impenji tar-Russja");

(b) it-terminu "kwota tariffarja" jfisser kwantità speċifikata ta' prodotti koperti li jistgħu jiġu esportati mir-Russja lejn l-UE fil-limiti stabbiliti fl-Anness mal-Parti V tal-Iskeda ta' Impenji tar-Russja, matul perjodu limitat, li jibbenefika minn tnaqqis fid-dazji tal-esportazzjoni applikati mir-Russja; id-dazji applikabbli għall-esportazzjonijiet li saru fil-kwota tariffarja għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Iskeda ta' Impenji tar-Russja;

(c) it-terminu "importatur" ifisser persuna fiżika jew ġuridika ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istat Membru tal-UE") li jkun beħsiebu jimporta prodotti koperti lejn l-UE mir-Russja;

(d) it-terminu "esportatur" ifisser persuna fiżika jew ġuridika mir-Russja li tkun beħsiebha tesporta prodotti mir-Russja lejn l-UE;

(e) it-terminu "awtorizzazzjoni tal-kwota" jfisser dokument maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-UE kkonċernat lil importatur, li jikkonferma d-dritt ta' dan l-importatur li jaċċessal-kwota tariffarja;

(f) it-terminu "liċenzja għall-esportazzjoni" jfisser dokument maħruġ mill-awtorità kompetenti tar-Russja lil espotatur, li jikkonferma d-dritt ta' dan l-esportatur li jaċċessal-kwota tariffarja.

4. L-allokazzjoni tal-kwoti tariffarja skont dan il-Protokoll għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju ta' allokazzjoni ġusta u ekwitabbli tal-opportunitajiet tal-kummerċ lill-parteċipanti kollha tal-kummerċ. B'mod partikolari, il-Partijiet se jfittxu l-preservazzjoni tal-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq tal-prodotti kkonċernati, u l-evitar ta' kummerċ spekulattiv tat-titoli tal-kwoti tariffarji.

5. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Protokoll huma mingħajr preġudizzju għall-ebda rekwiżit futur li jista' jiġi introdott jew applikat b'konformità ma' att ġuridiku applikat fit-territorju tar-Russja, sakemm dawk ir-rekwiżiti futuri jkunu applikabbli b'mod ġenerali għall-attività tal-kummerċ fil-prodotti, inklużi dawk li japplikaw speċifikament għall-prodotti koperti, u li jkunu konsistenti mal-obbligi tar-Russja skont il-Ftehim ta' Marrakech li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim tad-WTO").

TAQSIMA 2

PERJODU TA' KWOTA TARIFFARJA

Artikolu 2

1. Ir-Russja għandha tiftaħ il-kwoti tariffarji allokati lill-UE għall-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness mal-Parti V tal-Iskeda tal-Impenji tar-Russja fuq bażi annwali. Kwoti tariffarji bħal dawn għandhom jinfetħu għal perjodu ta' 12-il xahar konsekuttiv li jikkorrispondu għal kull sena kalendarja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-perjodu tal-kwota").

2. Jekk dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ iktar tard mill-31 ta' Jannar ta' sena kalendarja partikolari, il-perjodu tal-kwota għal dik is-sena għandu jinftiehem li hu l-perjodu f'xhur kalendarji sħaħ bejn id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll u 31 ta' Diċembru tal-istess sena.

TAQSIMA 3

KLASSIFIKAZZJONI

Artikolu 3

1. Il-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti huma bbażati fuq in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika applikata fir-Russja. Kull emenda għan-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika tar-Russja li tikkonċerna prodotti koperti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-klassifikazzjoni tal-prodotti ma għandux ikollha l-effett li tannulla l-impenji ta' tnaqqis fid-dazju tal-esportazzjoni meħuda mir-Russja kif stabbilit fl-Anness mal-Parti V tal-Iskeda tal-Impenji tar-Russja fi ħdan il-limiti kwantitattivi indikati hemmhekk.

2. Ir-Russja timpenja ruħha li tagħmel kwalunkwe tibdiliet fin-nomenklatura tat-tariffi u tal-istatistika applikata fit-territorju li jikkonċerna l-prodotti koperti, inkluża deskrizzjoni sħiħa tal-prodotti kkonċernati, disponibbli għall-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Kummissjoni") tal-inqas 30 jum qabel dakinhar tad-dħul tagħhom fis-seħħ fir-Russja.

TAQSIMA 4

AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-KWOTA

Artikolu 4

1. L-użu tal-kwoti tariffarji mill-importaturi għandhom ikunu suġġetti għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tal-kwota mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE. L-awtorizzazzjonijiet tal-kwota għandhom jinħarġu fil-forma ta' kopja stampata. Introduzzjoni ta' emendi, inklużi dawk għal raġunijiet tekniċi, f'awtorizzazzjonijiet tal-kwota maħruġa mhumiex permessi. F'każ li kwalunkwe emenda tkun teħtieġ li tiġi introdotta, l-awtorizzazzjoni tal-kwota għandha tiġi rtirata u għandha tinħareġ awtorizzazzjoni tal-kwota rispettiva ġdida.

2. L-applikazzjoni mill-importaturi għall-awtorizzazzjonijiet tal-kwota għal perjodu tal-kwota kkonċernat għandu jsir mhux qabel l-1 ta' Ottubru għas-sena kalendarja li tippreċedi dik tal-perjodu tal-kwota, u mhux iktar tard mill-1 ta' Diċembru tas-sena kalendarja korrispondenti għall-perjodu tal-kwota.

3. Kull awtorizzazzjoni ta' kwota għandha tinħareġ għall-ammont ta' prodotti stabbiliti mill-kuntratt jew minn prekuntratt għall-prodotti koperti kkonċernati bejn importatur u esportatur (minn hawn 'il quddiem imsejħa, rispettivament, "il-kuntratt" u l-"prekuntratt").

Artikolu 5

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet tal-kwota fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-importazzjoni mir-Russja ta' prodotti koperti sal-kwantitajiet tal-kwota tariffarja rilevanti, bil-kundizzjoni li l-importatur ikun issottometta il-kuntratt jew il-prekuntratt, u b'konformità mal-allokazzjoni tal-kwota tariffarja mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha talloka l-awtorizzazzjonijiet tal-kwota skont wieħed mill-metodi li ġejjin:

(a) skont l-ordni kronoloġiku tal-wasla għand il-Kummissjoni ta' notifiki mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE, tal-applikazzjonijiet minn importaturi individwali; jew

(b) skont il-kategoriji "tradizzjonali" u "ġodda" tal-importaturi; f'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tiddetermina għal kull perjodu tal-kwota, il-proporzjon tal-kwantità totali allokata għall-importaturi tradizzjonali (fil-firxa ta' 70 fil-mija sa 85 fil-mija) u għal importaturi ġodda (fil-firxa ta' 30 fil-mija sa 15 fil-mija), rispettivament.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu:

(a) "importaturi tradizzjonali" għandha tfisser importaturi li jistgħu jippruvaw illi fil-mument tal-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni tal-kwota:

(i) kisbu u użaw awtorizzazzjonijiet tal-kwota skont din it-Taqsima għall-prodotti koperti, f'kull wieħed miż-żewġ perjodi ta' kwota preċedenti; u

(ii) importaw mir-Russja għal fl-UE medja ta' tal-inqas 5 000 m^3 tal-prodotti koperti tul kull wieħed miż-żewġ perjodi ta' kwota preċedenti;

(b) "importaturi ġodda" għandha tfisser importaturi ħlief dawk imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

Jekk dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ iktar tard mill-31 ta' Jannar ta' sena kalendarja partikolari, għall-finijiet tal-punt (a) ta' dan il-paragrafu, il-volum meħtieġ tal-importazzjonijiet mir-Russja għall-ewwel perjodu ta' kwota għandu jkun ikkalkulat fuq bażi prorata, kif ġej:

$$M = (5\,000/12) * t$$

fejn

"M" tirrappreżenta l-volum meħtieġ tal-importazzjonijiet mir-Russja għall-ewwel perjodu tal-kwota;

"t" tirrappreżenta l-għadd ta' xhur kalendarji sħaħ mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

4. Jekk il-metodu msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jkun applikat mill-Kummissjoni matul l-ewwel tlett perjodi ta' kwota wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, id-definizzjoni ta' "importatur tradizzjonali" għal dik il-fini għandha tkun dawk l-importaturi li jistgħu jippruvaw li impurtaw mir-Russja għal fl-UE medja ta' tal-inqas 5 000 m^3 tal-prodotti koperti matul perjodu ta' referenza li jrid jiġi ddeterminat.

5. L-awtorizzazzjonijiet tal-kwota għandhom ikunu nominali fuq id-detentur tal-kwota. Awtorizzazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu validi għall-perjodu kollu tal-kwota u għall-importazzjonijiet fit-territorju doganali kollu tal-UE.

Artikolu 6

1. Awtorizzazzjoni ta' kwota għandha tikkonforma ma' kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fl-Anness ta' dan il-Protokoll.

2. Kull awtorizzazzjoni ta' kwota għandha tiċċertifika, fost ħwejjeġ oħra, li l-kwantità tal-prodott ikkonċernat titpaċa mal-limitu kwantitattiv rilevanti stabbilit għall-prodott ikkonċernat fl-Iskeda ta' Impenji tar-Russja.

Artikolu 7

1. Għal kull awtorizzazzjoni ta' kwota individwali maħruġa, il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tar-Russja bl-identità tad-detentur tal-awtorizzazzjoni tal-kwota, l-identità tal-esportatur u l-kwantità tal-kwota kkonċernata.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tar-Russja bl-irtirar ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni ta' kwota diġà maħruġa, kif ukoll dwar kwalunkwe duplikati li jkunu waslu, u l-awtorizzazzjonijiet ta' kwoti mhux użati u rritornati mill-importaturi. Il-bilanċ tal-kwota disponibbli taħt il-limitu kwantitattiv stabbilit fl-Iskeda ta' Impenji tar-Russja għall-prodotti kkonċernati għandha tkun immodifikata għall-ammont korrispondenti.

3. L-awtorità kompetenti tar-Russja għandha żżomm reġistri tal-informazzjoni mibgħuta lilha skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Dawn ir-reġistri għandhom jinkludu b'mod partikolari l-identità tad-detentur għal kull awtorizzazzjoni tal-kwota u l-kwantità tal-prodotti kkonċernati mill-awtorizzazzjoni tal-kwota.

TAQSIMA 5

IL-LIĊENZJI TAL-ESPORTAZZJONIJIET

Artikolu 8

1. L-użu tal-kwoti tariffarji mill-esportaturi għandu jkun suġġett għall-ħruġ ta' liċenzja tal-esportazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tar-Russja.

2. Biex japplika għal liċenzja tal-esportazzjoni, esportatur għandu jibgħat lill-awtorità kompetenti tar-Russja, id-dokumenti stipulati mil-leġiżlazzjoni tar-Russja kif stabbilit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u l-oriġinali, duplikat jew kopja tal-awtorizzazzjoni tal-kwota mogħtija lill-importatur skont l-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll. L-ammont ta' prodotti stabbilit fil-kuntratt għandu jikkorrispondi mal-ammont ta' prodotti stabbiliti fl-awtorizzazzjoni tal-kwota mibgħuta mill-esportatur. Fejn esportatur jipprovdi kopja tal-awtorizzazzjoni tal-kwota, il-liċenzja għandha tinħareġ biss malli jintbagħat l-oriġinal jew id-duplikat ta' dik l-awtorizzazzjoni tal-kwota.

3. Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll id-dokumenti meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tar-Russja għall-finijiet tal-ħruġ ta' liċenzja tal-esportazzjoni huma:

(a) applikazzjoni kompluta kif suppost għal liċenzja tal-esportazzjoni kemm bil-miktub u kemm f'format elettroniku;

(b) kopja tal-kuntratt;

(c) kopja tad-dokument li jipprova li l-esportatur huwa rreġistrat mal-awtoritajiet fiskali tar-Russja; u

(d) kopja tad-dokument li jipprova li l-ħlas għall-għoti tal-liċenzja tħallas.

Minbarra preġudizzju għall-paragrafu 5 tal-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, l-ebda dokument addizzjonali ma għandu jkun meħtieġ mingħand l-esportatur għall-fini tal-ħruġ ta' liċenzja tal-esportazzjoni.

4. L-awtorità kompetenti tar-Russja għandha taċċetta l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni sa mill-15 ta' Ottubru tas-sena kalendarja li tippreċedi l-perjodu tal-kwota, sal-15 ta' Diċembru tas-sena kalendarja korrispondenti għall-perjodu tal-kwota.

5. Il-ħlasijiet tal-liċenzji msemmiija fil-punt (d) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu dawk stipulati mill-atti legali relatati għar-regolament dwar l-għoti tal-liċenzji tal-esportazzjoni ġenerali fir-Russja.

Artikolu 9

1. Sakemm esportatur jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli kollha stabbiliti fl-Artikolu 8 ta' dan il-Protokoll, l-awtorità kompetenti tar-Russja għandha toħroġ liċenzja għall-esportazzjoni fir-rigward tal-konsenji tal-prodotti koperti fid-destinazzjoni tad-detentur tal-awtorizzazzjoni tal-kwota.

2. Il-liċenzja tal-esportazzjoni għandha tinħareġ għall-ammont ta' prodotti stabbiliti bil-kuntratt.

3. Il-liċenzja tal-esportazzjoni għandha tkun nominali fuq l-esportatur. Hija għandha tispeċifika wkoll l-identità tal-importatur.

4. Il-liċenzja tal-esportazzjoni ma għandu jkollha l-ebda valur legali għall-esportazzjoni f'territorji doganali li mhumiex dawk tal-UE u lanqas għall-esportazzjoni għal importatur ħlief id-detentur tal-awtorizzazzjoni tal-kwota.

Artikolu 10

Jekk id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tar-Russja dwar applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni tkun pożittiva, hija għandha toħroġ liċenzja tal-esportazzjoni f'perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx l-għaxart ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta tintbagħat l-applikazzjoni.

Artikolu 11

1. Il-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jiskadu fl-aħħar tas-sena kalendarja li għalihom tkun infetħet il-kwota tariffarja korrispondenti.

2. F'każ li l-Kummissjoni tkun infurmat lill-awtorità kompetenti tar-Russja li awtorizzazzjoni tal-kwota ġiet irtirata, din l-awtorità għandha tikkanċella l-liċenzja tal-esportazzjoni korrispondenti diġà maħruġa, ġaladarba l-informazzjoni tkun waslet għand dik l-awtorità kompetenti qabel ir-rilaxx mid-dwana tal-esportazzjoni tal-prodotti koperti minn dik il-liċenzja tal-esportazzjoni. Jekk l-awtorità kompetenti tar-Russja tkun innotifikata biss bl-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-kwota wara r-rilaxx doganali tal-esportazzjoni tal-prodotti koperti mil-liċenzja tal-esportazzjoni korrispondenti, dik l-esportazzjoni għandha titpaċa mal-limiti kwantitattivi stabbiliti għall-perjodu tal-kwota li għaliha il-liċenzja tal-esportazzjoni tkun inħarġet.

Artikolu 12

1. L-esportatur għandu jissottometti l-oriġinali jew id-duplikat tal-liċenzja tal-esportazzjoni lill-uffiċċju tad-dwana Russa kompetenti fil-waqt tal-preżentazzjoni tal-prodotti għar-rilaxx doganali għall-esportazzjoni.

2. Konsenji suċċessivi bl-użu tal-istess liċenzja tal-esportazzjoni għandhom ikunu possibbli sal-limitu kwantitattiv tal-liċenzja tal-esportazzjoni.

3. Korrezzjonijiet fil-liċenzji tal-esportazzjoni, inklużi dawk għal raġunijiet tekniċi, mhumiex permessi. Jekk l-emendi jkunu neċessarji, il-liċenzja għandha tiġi kkanċellata u għandha tinħareġ liċenzja tal-esportazzjoni emendata rispettivament ġdida. Meta l-kwantità li trid tiġi effettivament esportata tkun iktar baxxa mill-kwantità stabbilita fil-liċenzja tal-esportazzjoni, il-liċenzja tal-esportazzjoni tista' tintuża bla bżonn li tiġi emendata.

Artikolu 13

1. Il-prodotti koperti mil-liċenzja tal-esportazzjoni għandhom ikunu rilaxxati għall-esportazzjoni fid-dwana fir-Russja matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja. Id-dwana Russa għandha tirrilaxxa dawn il-prodotti għall-esportazzjonijiet mingħajr dewmien, b'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikata fir-Russja.

2. Il-prodotti rrilaxxati għall-esportazzjonijiet fid-dwana fir-Russja, kif stipulat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jistgħu jintbagħtu mir-Russja, anke jekk il-perjodu tal-validità tal-liċenzja tal-esportazzjoni għal dawk il-prodotti jkunu skadew. Dawn l-esportazzjonijiet għandhom jitpaċew mal-limiti kwantitattivi stabbiliti għall-perjodu tal-kwota li l-liċenzja tal-esportazzjoni nħarġet għaliha, anke jekk il-konsenja tal-prodotti tkun seħħet wara dak il-perjodu.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-konsenja tal-prodotti titqies li tkun saret fid-data li fihom ikunu tgħabbew fuq il-mezz ta' trasport użat għall-esportazzjoni, kif jidher mill-polza tat-tagħbija jew xi dokument ieħor ta' trasport.

TAQSIMA 6

KWANTITAJIET MGĦODDIJA GĦAS-SENA TA' WARA

Artikolu 14

1. Meta kwota tariffarja għal grupp ta' prodott ma tintużax kollha, kwantitajiet mhux użati ta' dik il-kwota li ma jkunux jaqbżu s-7 fil-mija tal-kwantitajiet totali ta' dik il-kwota tariffarja jistgħu jingħaddew għall-kwota tariffarja korrispondenti għas-sena kalendarja ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tar-Russja jekk tkun beħsiebha tuża d-dispożizzjoni ta' dan il-paragrafu mhux qabel il-15 ta' Jannar u mhux aktar tard mit-28 ta' Frar tas-sena kalendarja ta' wara s-sena korrispondenti tal-perjodu tal-kwota. L-awtorità kompetenti tar-Russja għandha tikkonferma, fi żmien 30 jum minn dakinhar li tasal in-notifika, il-kwantitajiet addizzjonali għall-kwota tariffarja għall-grupp(i) tal-prodotti kkonċernati li jirriżulta mill-kwantitajiet mgħoddija mis-sena ta' qabel.

2. Barra minn hekk is-sehem/l-ishma tal-kwota/i tariffarja/i mgħoddija għas-sena ta' wara skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sa 3 fil-mija oħra tal-kwota/i tariffarja/i rilevanti jistaw jingħaddu skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fuq ftehim bejn il-Partijiet. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tar-Russja jekk tkun beħsiebha tuża d-dispożizzjoni ta' dan il-paragrafu mhux qabel il-15 ta' Jannar u mhux aktar tard mit-28 ta' Frar tas-sena kalendarja ta' wara s-sena korrispondenti tal-perjodu tal-kwota. L-awtorità kompetenti tar-Russja għandha tinforma lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha fi żmien 60 jum mid-data tal-wasla tan-notifika mill-Kummissjoni.

3. Il-kwantitajiet mgħoddija skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jseħħu darba matul sena kalendarja meta tittieħed/jittieħdu d-deċiżjoni(jiet) dwar il-kwantitajiet mgħoddija. Kwalunkwe aġġustamenti għal-limiti kwantitattivi li jirriżultaw mill-kwantitajiet mgħoddija għandhom jaffettwaw biss is-sena kalendarja meta id-deċiżjoni dwar il-kwantitajiet mgħoddija tkun ittieħdet.

TAQSIMA 7

SKAMBJI TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 15

1. Bil-ħsieb li s-sistema ta' monitoraġġ issir effettiva kemm jista' jkun u biex jiġu mminimizzati l-possibilitajiet għal abbuż u l-evażjoni tas-sistema tal-kwota tariffarja dwar il-prodotti koperti kif maqbul bejn ir-Russja u l-UE:

(a) il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tar-Russja sa mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xogħol ta' kull xahar bl-awtorizzazzjonijiet tal-kwota maħruġa matul ix-xahar ta' qabel;

(b) l-awtorità kompetenti tar-Russja għandha tinforma lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xogħol ta' kull xahar bil-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa matul ix-xahar ta' qabel;

(c) l-awtoritajiet doganali tar-Russja għandhom jinformaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 39 jum wara tmiem kull tielet xahar bil-volumi u l-valuri tal-prodotti koperti esportati lejn l-UE matul dawk it-tliet xhur preċedenti;

(d) il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tar-Russja sa mhux aktar tard minn 39 jum wara tmiem kull tielet xahar bil-volumi u l-valuri tal-prodotti importati lejn l-UE matul dawk it-tliet xhur preċedenti.

2. Mingħajr preġudizzju għall-iskambju perjodiku ta' informazzjoni dwar il-liċenzji tal-esportazzjoni u l-awtorizzazzjonijiet tal-kwota skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet qablu li jiskambjaw l-informazzjoni ta' statistika disponibbli relatata mal-kummerċ fil-prodotti koperti fl-intervalli xierqa, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-iqsar perjodi li fihom tħejjiet l-informazzjoni kkonċernata. Din l-informazzjoni għandha tkopri l-awtorizzazzjonijiet tal-kwota u l-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa u l-istatistika tal-importazzjoni u l-esportazzjoni fir-rigward tal-prodotti kkonċernati.

3. Fil-każ ta' kwalunkwe diskrepanza, sinifikanti u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-fatturi tal-ħin involuti fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe Parti tista' titlob konsultazzjonijiet li għandhom iseħħu minnufih.

TAQSIMA 8

FORMOLA U PRODUZZJONI TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-KWOTA U DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI LI JIKKONĊERNAW L-ESPORTAZZJONIJIET LEJN L-UE

Artikolu 16

1. Il-formola tal-awtorizzazzjoni tal-kwota għandha tiġi kompluta bir-Russu jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE. F'każ li l-formola tiġi kompluta f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE, meta tintbagħat lill-awtorità kompetenti tar-Russja din l-awtorizzazzjoni tal-kwota għandha tkun akkumpanjata bit-traduzzjoni tagħha għal lingwa Russa ċċertifikata minn nutar pubbliku fir-Russja skont il-leġiżlazzjoni tar-Russja.

2. Kull dokument għandu jkollu fuqu numru ta' identifikazzjoni biex jiġi identifikat bih. Dan in-numru għandu jkun magħmul mill-elementi li ġejjin:

(a) żewġ ittri li jidentifikaw il-pajjiż esportatur, kif ġej: RU;

(b) żewġ ittri li jidentifikaw l-Istat Membru tal-UE li jkun ħareġ l-awtorizzazzjoni tal-kwota, kif ġej:

BE = il-Belġju

BG = il-Bulgarija

CZ = ir-Repubblika Ċeka

DK = id-Danimarka

DE = il-Ġermanja

EE = l-Estonja

EL = il-Greċja

ES = Spanja

FR = Franza

IE = l-Irlanda

IT = l-Italja

CY = Ċipru

LV = il-Latvja

LT = il-Litwanja

LU = il-Lussemburgu

HU = l-Ungerija

MT = Malta

NL = il-Pajjiżi l-Baxxi

AT = l-Awstrija

PL = il-Polonja

PT = il-Portugall

RO = ir-Rumanija

SI = is-Slovenja

SK = is-Slovakkja

FI = il-Finlandja

SE = l-Isvezja

GB = ir-Renju Unit;

(c) numru b'żewġ ċifri li jidentifika s-sena kkonċernata li jikkorrispondi għall-aħħar żewġ ċifri fis-sena, eż "12" għas-sena 2012; u

(d) numru b'ħames ċifri li jitilgħu wara xulxin minn 00001 sa 99999 allokat għall-Istat Membru tal-UE intenzjonat li jagħti r-rilaxx mid-dwana.

Artikolu 17

1. Fil-każ ta' serq, telf jew qerda ta' awtorizzazzjoni tal-kwota, l-importatur jista' japplika mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-UE kkonċernat għal duplikat. Id-duplikat ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni tal-kwota ta' dan it-tip li tkun inħarġet b'dan il-mod irid ikollu fuqu t-timbru "duplikat".

2. Id-duplikat għandu jkollu fuqu d-data tal-awtorizzazzjoni tal-kwota oriġinali.

TAQSIMA 9

KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 18

L-UE u r-Russja għandhom jikkooperaw mill-qrib fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Għal dan il-għan, il-kuntatti u l-iskambji ta' fehmiet, inkluż dawk dwar materji tekniċi, għandhom jiġu ffaċilitati miż-żewġ Partijiet.

Artikolu 19

1. Bil-ħsieb li jiġi żgurat it-tħaddim effettiv ta' dan il-Protokoll, l-UE u r-Russja jaqblu li jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jipprevjenu, jinvestigaw u jieħdu kwalunkwe azzjoni legali u/jew amministrattiva neċessarja kontra l-evażjoni, l-iktar permezz ta' trasbord jew rispedizzjoni ta' prodotti, falsifikazzjoni ta' dokumenti, dikjarazzjoni falza dwar il-kwantitajiet, deskrizzjoni jew klassifikazzjoni tal-merkanzija.

2. Fil-qafas tal-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni u l-awtorità kompetenti tar-Russja għandhom jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni kkunsidrata minn kwalunkwe Parti li hi ta' użu fil-prevenzjoni tal-evażjoni jew il-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Dan it-tagħrif jista' jinkludi, fuq talba ta' kwalunkwe Parti, kopji tad-dokumentazzjoni rilevanti kollha, fejn ikun disponibbli.

3. Meta informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni jew għall-awtorità kompetenti tar-Russja tkun tindika jew tidher li tindika li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll qed jiġu evaži jew miksura, il-Partijiet għandhom jikkooperaw mill-qrib u bl-urġenza xierqa, u jistgħu jaqblu li jieħdu kwalunkwe miżuri neċessarji għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe evażjoni jew ksur ta' dan it-tip.

Artikolu 20

1. F'każ li kwalunkwe Parti temmen li, fuq bażi ta' informazzjoni disponibbli, dan il-Protokoll qiegħed ikun evitat jew miksur, dik il-Parti tkun tista' titlob konsultazzjonijiet li għandhom isiru minnufih.

2. Fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-Parti l-oħra, l-awtoritajiet xierqa ta' kwalunkwe Parti għandhom iwettqu l-inkjesti xierqa, jew jirranġaw biex isiru dawn l-inkjesti, dwar operati li huma, jew jidhru li huma, f'evażjoni jew ksur ta' dan il-Protokoll. Kwalunkwe Parti għandha tikkomunika r-riżultati ta' dawn l-inkjesti lill-Parti l-oħra, inkluża kwalunkwe informazzjoni pertinenti oħra li tippermetti li tiġi ddeterminata l-kawża tal-evażjoni jew ksur.

Artikolu 21

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan il-Protokoll, l-UE u r-Russja għandhom joffru għajnuna reċiproka għall-verifika tal-awtenticità taċ-ċertifikati u l-preċiżjoni tal-awtorizzazzjonijiet tal-kwota maħruġa.

Artikolu 22

1. Verifika sussegwenti ta' awtorizzazzjonijiet tal-kwota għandha ssir b'eċċezzjoni, meta l-awtorità kompetenti tar-Russja jkollha dubji raġjonevoli dwar l-awtenticità tagħhom. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti tar-Russja għandhom jirritornaw l-awtorizzazzjoni tal-kwota lill-Kummissjoni Ewropea filwaqt li jagħtuha r-raġunijiet tal-forma u s-sustanza li tiġġustifika inkjesta.

2. Ir-riżultati tal-verifiki sussegwenti li jkunu saru skont il-paragrafi 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti tar-Russja fi żmien mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol. L-informazzjoni kkommunikata għandha tindika jekk l-awtorizzazzjoni tal-kwota ddisputata tapplikax għall-allegat detentur u jekk dawn il-prodotti humiex eliġibbli għall-esportazzjoni skont l-arranġamenti stabbiliti minn dan il-Protokoll.

3. L-użu tal-proċedura ta' verifika speċifikata f'dan l-Artikolu ma għandux ikun ta' ostaklu għar-rilaxx ta' liċenzji għall-esportazzjoni. Għal din il-fini, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10 ta' dan il-Protokoll, l-awtorità kompetenti tar-Russja għandha toħroġ il-liċenzja tal-esportazzjoni korrispondenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara l-wasla tal-konferma tal-awtenticità ta' awtorizzazzjoni ta' kwota skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

TAQSIMA 10

ARRANĠAMENTI TRANŻITORJI

Artikolu 23

1. Sakemm l-UE tadotta l-miżuri interni neċessarji għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji, l-awtorità kompetenti tar-Russja ma għandhiex titlob l-oriġinal jew duplikat tal-awtorizzazzjoni tal-kwota bħala kundizzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 8 ta' dan il-Protokoll.

2. L-UE għandha tagħmel notifika bil-miktub tal-adozzjoni tal-miżuri interni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Mal-wasla ta' dik in-notifika għand l-awtorità kompetenti tar-Russja, l-arranġament tranżitorju deskritt fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jintemm.

3. F'każ li dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ wara l-31 ta' Jannar ta' sena kalendarja partikolari, il-kwota tariffarja għal dik is-sena għandha tapplika prorata. Għal dik il-fini, ir-Russja għandha tiftaħ kwota tariffarja kkalkulata kif ġej (minn hawn 'il quddiem imsemmi il-"kwota tariffarja tranżitorja"):

$$Qt = (Q:12) * Tt,$$

fejn

"Q" tirrappreżenta l-kwota tariffarja;

"Qt" tirrappreżenta l-kwota tariffarja tranżitorja;

"Tt" tirrappreżenta l-għadd ta' xhur kalendarji sħaħ mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

4. Matul l-applikazzjoni tal-arranġamenti tranżitorji stabbiliti f'dan l-Artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

TAQSIMA 11

KONSULTAZZJONIJIET

Artikolu 24

1. Għandhom isiru konsultazzjonijiet dwar kwalunkwe differenzi bejn il-Partijiet li jistgħu jinħolqu mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll u l-Ftehim fuq talba ta' kwalunkwe Parti. Kull konsultazzjoni għandha ssir bi spirtu ta' kooperazzjoni u b'xewqa ta' rikonċiljazzjoni tad-differenzi bejn il-Partijiet.

2. Fejn dan il-Protokoll jipprovdi li l-konsultazzjonijiet għandhom isiru minnufih, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jużaw il-mezzi raġjonevoli kollha biex jiżguraw li dan jintlaħaq.

3. Il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) kwalunkwe talba għal konsultazzjonijiet għandha ssir b'notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra;

(b) talba ta' dan it-tip għandha tistabbilixxi r-raġunijiet għall-konsultazzjonijiet;

(c) il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien xahar mid-data tal-wasla ta' dik it-talba; u

(d) il-konsultazzjonijiet għandhom jaspiraw li jaslu għal soluzzjoni li fuqha jaqblu ż-żewġ naħat fi żmien xahar mill-bidu tagħhom, sakemm il-perjodu ma jkunx estiż bi ftehim mal-Partijiet.

TAQSIMA 12

SOLUZZJONI GĦAT-TILWIM

Artikolu 25

1. Jekk Parti tikkunsidra li l-Parti l-oħra naqset milli taqdi l-obbligi tagħha skont dan il-Protokoll jew skont il-Ftehim, u l-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 24 ta' dan il-Protokoll ikunu naqsu milli jaslu għal soluzzjoni li jaqblu fuqha iż-żewġ partijiet fil-perjodu taż-żmien stabbilit fil-punt d tal-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu, dik il-Parti tista' titlob li jitwaqqaf bord ta' konċiljazzjoni skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Koperazzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar is-sħubija u l-kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, tal-24 ta' Ġunju 1994, sabiex jiġu stabbiliti r-regoli tal-proċedura biex tinsab soluzzjoni għat-tilwim skont dak il-Ftehim, adottat fis-7 ta' April 2004 (minn issa 'l quddiem imsejħa, "Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Koperazzjoni dwar Soluzzjoni għat-Tilwim").

2. Meta jsir rikors għall-bord ta' konċiljazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Koperazzjoni dwar Soluzzjoni għat-Tilwim dwar soluzzjoni għat-tilwim, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni fir-rigward tal-konsultazzjonijiet. Huwa mifhum li kull meta dik id-Deċiżjoni tkun tirreferi għal tilwim rigward il-Ftehim dwar is-sħubija u l-kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, tal-24 ta' Ġunju 1994 (minn issa 'l quddiem il-"Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni"), dan għandu jittieħed bħala li jirreferi għal tilwim li jirrigwarda dan il-Protokoll jew il-Ftehim.

3. Il-bord ta' konċiljazzjoni li twaqqaf skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux ikollu l-kompetenza li jikkunsidra l-kompatibilità ta' miżura ta' Parti eżaminata minn dak il-bord ta' konċiljazzjoni mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni jew tal-Ftehim tad-WTO.

4. Jekk il-lista indikattiva tal-konċiljaturi prevista fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Koperazzjoni dwar Soluzzjoni għat-Tilwim ma tkunx ġiet stabbilita sa meta l-Parti titlob li jitwaqqaf bord ta' konċiljazzjoni skont l-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni għal allegata vjolazzjoni ta' dan il-Protokoll jew tal-Ftehim, u jekk Parti tonqos milli taħtar konċiljatur jew il-Partijiet ma jirnexxilhomx jaslu għal ftehim mal-president tal-bord ta' konċiljazzjoni fi ħdan il-limiti taż-żmien rispettivi stabbiliti għal din il-fini fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni, kwalunkwe Parti tista' titlob lid-Direttur Ġenerali tad-WTO biex jinnomina għall-ħatra lill-konċiljaturi li jifdal. Id-Direttur-Ġenerali tad-WTO, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, jgħarraf liż-żewġ Partijiet bil-konċiljatur(i) nominati sa mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tal-wasla ta' dik it-talba.

5. Id-dispożizzjonijiet rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' kwalunkwe ftehim bejn l-UE u r-Russja sussegwenti għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni (minn issa 'l quddiem il-"Ftehim il-Ġdid"), għandhom japplikaw għat-tilwim marbut mal-allegata vjolazzjoni tal-obbligi skont dan il-Protokoll jew il-Ftehim. Huwa mifhum li kull meta l-Ftehim il-Ġdid jirreferi għal tilwim dwar il-Ftehim il-Ġdid, dan għandu jittieħed li qed jirreferi għal tilwim relatati ma' dan il-Protokoll jew il-Ftehim.

TAQSIMA 13

DĦUL FIS-SEĦĦ

Artikolu 26

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ 30 jum wara d-data li fiha l-Partijiet jagħmlu skambju ta' notifiki bil-miktub li jiċċertifikaw li jkunu lestew il-proċeduri interni rispettivi tagħhom jew f'tali data oħra li l-Partijiet ikunu qablu dwarha, iżda mhux qabel id-data tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

3. Sakemm jidħol fis-seħħ, dan il-Protokoll għandu jiġi applikat provviżorjament mid-data tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Magħmul f'Ġinevra fis-16 ta' Diċembru 2011, f'duplikat, kull wieħed bil-lingwa Ingliża u Russa, biż-żewġ testi jkunu awtentiċi ndaqs.

ANNESS

L-UNJONI EWROPEA / Европейский союз

AWTORIZZAZZJONI TAL-KWOTA / Разрешение на квоту

KOPJA GĦAD-DETENTUR / Копия держателя

1. Importatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, Nru tal-VAT) / Импортер (наименование, адрес полностью, страна местонахождения, ИНН)

2. Nru tar-rilaxx / Номер выдачи

3. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, Nru tal-VAT) / Экспортер (наименование, адрес полностью, ИНН)

4. Awtorità responsabbli għar-rilaxx (isem, indirizz u Nru tat-telefown) / Орган, ответственный за выдачу (наименование, адрес и номер телефона)

5. Persuna li tiddikjara/rappreżentant skont il-każ (isem u indirizz sħiħ) / Декларант/представитель соответственно (наименование и адрес полностью)

6. L-aħħar jum qabel l-iskadenza / Последний день срока действия

7. Deskrizzjoni tal-prodotti / Описание товаров

8. Kodiċi NM / Код ТН ВЭД

9. Kwantità f'm^3 / Количество в $м^3$

10. Kummenti addizzjonali / Дополнительная информация

11. Firma tal-awtorità responsabbli / Подтверждение компетентного органа

Data / Дата:

Post / Место:

(Firma) / (Подпись)

(Timbru) / (Место печати)